



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15180/23

ELARG 78
COWEB 136

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Novembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 691 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠĠJUNI Pjan ġdid ta' tkabbir għall-Balkani tal-Punent

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 691 final.

Mehmuż: COM(2023) 691 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.11.2023
COM(2023) 691 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**


Pjan ġdid ta' tkabbir għall-Balkani tal-Punent

INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea temmen bis-sħiħ li t-tkabbir jibqa' politika ewlenija tal-Unjoni Ewropea u b' mod partikolari li s-sħubija sħiħa mal-UE għall-Balkani tal-Punent hija fl-interessi politiċi, ta' sigurtà u ekonomiċi proprji tal-Unjoni.

Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna turi għal darb'oħra l-ħtieġa ta' investiment ġeostrateġiku determinat f' Ewropa stabbli, b' saħħitha u magħquda. Il-gwerra kellha impatt sinifikanti fuq is-sħab tagħna tal-Balkani tal-Punent, u poġġiet pressjoni ulterjuri fuq l-ekonomiji u fuq is-soċjetajiet tagħhom u ħolqot riskji għall-istabbiltà tagħhom. Il-ħtieġa li jiġu eqreb tal-UE u li jitħaffef il-proċess ta' adeżjoni tagħhom, abbażi tar-riformi relatati mal-UE fil-pajjiżi, qatt ma kienet aktar ċara milli hija illum. Il-maġġoranza ta' ċittadini tal-Balkani tal-Punent jaħsbu li s-sħubija ta' pajjiżhom mal-UE tkun ħaġa tajba¹. F'dan ir-rigward, il-pjan il-ġdid ta' tkabbir għall-Balkani tal-Punent se jirrappreżenta opportunità biex tiżdied ulterjorment il-viżibbiltà u s-sensibilizzazzjoni tal-appoġġ tal-UE għar-reġjun, filwaqt li jissaħħaħ l-involvement mal-udjenzi lokali.

Il-konverġenza ekonomika hija element essenzjali biex il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent ikunu eqreb tal-UE. Bħalissa, il-livell u l-veloċità tal-konverġenza bejn is-sħab tal-Balkani tal-Punent u l-UE ma humiex sodisfaċenti² – jew f' termini ta' proċessi ta' riforma jew ta' konverġenza soċjoekonomika – u qegħdin iżommu lura l-progress tagħhom fil-perkors tal-UE. Għalhekk, hemm il-ħtieġa li jitħaffu u li jiġu iċċentivati t-tħejjijiet tal-Balkani tal-Punent għas-sħubija mal-UE billi jittressqu xi wħud mill-benefiċċji tagħha speċjalment b' modi li jistgħu jinħassu direttament miċ-ċittadini tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. L-oġġettiv għandu jkun li s-sħab ikunu jistgħu jżidu r-riformi u l-investimenti biex jaċċelleraw b' mod sinifikanti l-pass tal-proċess ta' tkabbir u t-tkabbir tal-ekonomiji tagħhom.



¹ Ewrobarometru standard 99 – Rebbiegħa 2023

² Eurostat u l-Bank Dinji

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi **pjan ġdid ta' tkabbir għall-Balkani tal-Punent** ibbażat fuq erba' pilastri, immirat lejn:

- 1) **It-tisħiħ tal-integrazzjoni ekonomika mas-suq uniku tal-Unjoni Ewropea**, soġġett għall-allinjament tal-Balkani tal-Punent mar-regoli tas-suq uniku u l-ftuħ tas-setturi u taż-żoni rilevanti għall-ġirien kollha tagħhom fl-istess ħin, f'konformità mas-Suq Reġjonali Komuni;
- 2) **It-tisħiħ tal-integrazzjoni ekonomika fil-Balkani tal-Punent permezz tas-Suq Reġjonali Komuni**³, abbażi tar-regoli u tal-istandards tal-UE, li potenzjalment jistgħu jżidu 10 %⁴ mal-ekonomiji tagħhom;
- 3) **L-aċċellerazzjoni tar-riformi fundamentali**, inkluż dwar il-ġabra tal-elementi fundamentali⁵, l-appoġġ għat-triq tal-Balkani tal-Punent lejn is-sħubija mal-UE, it-titjib tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli inkluż permezz tal-attrazzjoni ta' investimenti barranin u t-tisħiħ tal-istabbiltà reġjonali;
- 4) **Iż-żieda fl-assistenza finanzjarja biex jiġu appoġġati r-riformi permezz ta' Faċilità ta' Riforma u Tkabbir għall-Balkani tal-Punent**, strument ġdid li jiswa EUR 6 biljun f'appoġġ mhux ripagabbli u appoġġ għal self, bi ħlas ikkundizzjonat fuq is-sħab tal-Balkani tal-Punent li jwettqu riformi fundamentali, u b'mod partikolari riformi soċjoekonomiċi speċifiċi⁶.

Il-konverġenza ekonomika hija benefiċċju sinifikanti għas-sħubija mal-UE. L-impatt pożittiv fuq il-livelli tal-PDG u tal-introjt ta' pajjiż li jirriżulta mill-integrazzjoni fis-suq uniku tal-UE, flimkien mal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, intwera b'mod ċar fil-passat. Dan jirrikjedi investimenti fil-modernizzazzjoni tal-ekonomiji, kif ukoll fl-infrastruttura, li għalihom hija meħtieġa assistenza finanzjarja addizzjonali. Fl-istess ħin, ir-riformi fundamentali, inkluż it-tisħiħ tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali, huma indispensabbli biex jiġu sfruttati l-benefiċċji tal-integrazzjoni u biex jinholq ambjent favorevoli biex jiġu attirati l-investimenti privati u jiġi ġġenerat tkabbir ekonomiku sostenibbli filwaqt li jitnaqqsu l-emissjonijiet. Il-bini ta' ekonomija moderna, dinamika u dekarbonizzata b'opportunitajiet ta' impjeg imtejba se jnaqqas ukoll l-inċentiv għall-emigrazzjoni.

Dan il-pjan il-ġdid ta' tkabbir jibni fuq il-metodoloġija eżistenti tat-tkabbir⁷ u johlq pakkett ta' miżuri ta' tisħiħ reċiproku li se jimmultiplika l-benefiċċju potenzjali ta' kull miżura. Dan jipprevedi wkoll aktar inċentivi u l-benefiċċji tal-integrazzjoni qabel l-adeżjoni mal-UE, u b'hekk jimmira li jħaffef in-negozjati tal-adeżjoni. Fl-aħħar nett, bil-ħsieb li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fost il-pajjiżi tat-tkabbir, huwa jżid progressivament opportunitajiet ultejri għall-Balkani tal-Punent ma' daw

³ Is-Suq Reġjonali Komuni (Common Regional Market, CRM) huwa inizjattiva miftiehma mill-mexxejja tas-sitt Balkani tal-Punent fis-summit tal-Proċess ta' Berlin f'Sofija 2020. Is-CRM u l-pjan ta' azzjoni assoċjat tiegħu huma maħsuba biex iġibu l-erba' libertajiet tal-moviment (tal-merkanzija, tas-servizzi, tal-kapital u tal-ħaddiema) fir-reġjun.

⁴ Gomez Ortiz Maria Del Mar; Zarate Vasquez, Roman David; Taglioni, Daria. *The Economic Effects of Market Integration in the Western Balkans (Ingliz)*. Dokument ta' ħidma dwar ir-Riċerka Politika; no. WPS 10491 Washington, D.C. : Grupp tal-Bank Dinji: <http://documents.worldbank.org/curated/en/099544006202322289/IDU062c50b5106fe8046d1080530898bbe45d6fa>

⁵ F'konformità mal-Komunikazzjoni dwar "It-titjib tal-proċess tal-adeżjoni - Perspettiva kredibbli tal-UE għall-Balkani tal-Punent" COM(2020)57, il-ġabra tal-elementi fundamentali tinkludi: kapitolu 23 – Ġudikatura u drittijiet fundamentali, Kapitolu 24 – Ġustizzja, Libertà u Sigurtà, il-kriterji ekonomiċi, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, kapitolu 5 – Akkwist pubbliku, kapitolu 18 – Statistika u kapitolu 32 – Kontroll finanzjarju.

⁶ Fil-proposta tagħha tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021 – 2027 (COM(2023)337 final), il-Kummissjoni pproponiet EUR 2 biljun addizzjonali għall-Balkani tal-Punent. L-EUR 4 biljun jiġu pprovduti fil-forma ta' self aġevolanti.

⁷ COM (2020) 57 Final

disponibbli fl-ambitu tal-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) eżistenti. Ir-rapidità issa hija essenzjali u l-oġġettiv huwa li l-pjan ta' tkabbir jibda jagħmel differenza reali diġà mis-sena d-dieħla.

Il-pjan ta' tkabbir huwa mingħajr preġudizzju għall-proċessi ta' adeżjoni li għadhom għaddejnin, u l-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti hemmhekk f'dan il-kuntest, b'mod partikolari fir-rigward tal-prinċipji fundamentali. Madankollu, dan se jikkontribwixxi għal dan il-proċess billi jinċentiva lill-pajjiżi biex jaċċelleraw l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-*acquis*. Barra minn hekk, b'enfasi qawwija fuq l-integrazzjoni fir-reġjun tal-Balkani tal-Punent, dan għandu jgħin lill-pajjiżi jiffokaw fuq il-futur komuni tagħhom bħala membri tal-UE u jegħlbu l-isfidi bilaterali li sfortunatament jikkunsmaw wisq enerġija fir-reġjun u jżommuh lura.

1) Tisħiħ tal-integrazzjoni ekonomika mas-suq uniku tal-Unjoni Ewropea

L-integrazzjoni mas-suq uniku tal-UE kienet l-ixprunatur ewlieni tat-tkabbir ekonomiku għall-pajjiżi kollha li ssieħbu mal-UE. Għall-pajjiżi fit-triq lejn l-adeżjoni mal-UE, assoċjazzjoni aktar mill-qrib mas-suq uniku tal-UE għib benefiċċji li jistgħu jinħassu direttament miċ-ċittadini tagħhom.

L-għoti ta' aktar opportunitajiet lill-Balkani tal-Punent għal rabtiet aktar mill-qrib mas-suq uniku tal-UE huwa raġuni ewlenija għall-pjan ta' tkabbir. L-oġġettiv huwa li l-ekonomiji jinġiebu eqreb tas-suq uniku ladarba jkun inkiseb il-livell meħtieġ ta' tħejjija.

Bħala parti minn dan il-pjan ta' tkabbir, il-Kummissjoni identifikat seba' oqsma prijoritarji inizjali, li l-UE tista' toffri lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. Tali integrazzjoni twassal għal benefiċċji ekonomiċi sostanzjali għar-reġjun u tiżgura kundizzjonijiet ekwi wesgħin fost il-pajjiżi tat-tkabbir.

It-tlestija tal-ħidma li s-sitt sħab impenjaw ruħhom għaliha fil-kuntest tas-Suq Reġjonali Komuni se tkun prekundizzjoni meħtieġa għal integrazzjoni aktar mill-qrib mas-suq uniku. L-offerta taħt is-seba' oqsma prijoritarji hija bbażata fuq il-merti proprji u hija soġġetta wkoll għal allinjament minn qabel fuq l-*acquis* tal-UE f'kull qasam speċifiku, inkluż li jkun hemm l-infrastrutturi u l-istituzzjonijiet operazzjonali meħtieġa. L-ebda sieħeb tal-Balkani tal-Punent mhu se jkun jista' jimblokka l-aċċess għas-suq uniku tal-UE għall-ħamsa l-oħrajn.

Dawn l-azzjonijiet prijoritarji jistgħu jiġu implimentati bl-użu tal-bażi legali eżistenti tal-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, permezz ta' ftehimiet komplementari mmirati jew billi jiġu emendati, kif meħtieġ, it-Trattati eżistenti tal-Komunità tat-Trasport u tal-Komunità tal-Enerġija.

L-offerta lill-Balkani tal-Punent⁸:

Seba' Azzjonijiet Prijoritarji għall-Integrazzjoni fis-suq uniku tal-UE

1. Moviment liberu tal-merkanzija:

- (i) *Ftehimiet dwar il-valutazzjoni tal-konformità* biex jiġi sfruttat is-suq uniku għall-merkanzija manifatturata fil-Balkani tal-Punent wara allinjament mal-*acquis* orizzontali rilevanti tal-UE dwar il-prodotti.
- (ii) *Ftehim imtejjeb dwar il-Kooperazzjoni Doganali u Fiskali* biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri doganali u jitnaqqsu l-ħinijiet ta' stennija fil-fruntieri, permezz ta' miżuri li jinkludu skambju minn qabel ta' informazzjoni, rikonoxximent reċiproku ta' operaturi ekonomiċi awtorizzati, abbażi tal-mertu, u kooperazzjoni aktar mill-qrib fl-iżvilupp tal-punti uniċi ta' servizz nazzjonali tagħhom u l-implimentazzjoni aktar mgħaġġla tal-*acquis* dwar it-taxxa indiretta.

⁸ L-implimentazzjoni tal-azzjonijiet prijoritarji, u l-proposti l-oħrajn fil-Komunikazzjoni se jiġu soġġetti għall-proċeduri rilevanti fl-ambitu tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(iii) Il-parteċipazzjoni tas-sħab kollha tal-Balkani tal-Punent fil-*Konvenzjoni dwar Proċedura Komuni ta' Tranżitu*.

(i) tirrikjedi ftehimiet ibbażati fuq id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-FSA, (ii) ikunu ftehimiet li jikkomplementaw il-FSA u jibnu fuq il-ħidma eżistenti fis-Suq Reġjonali Komuni fejn is-sħab tal-Balkani tal-Punent ikunu qegħdin jintegraw bejniethom abbażi tar-regoli tal-UE, (iii) tirrikjedi sħubija f'konvenzjoni eżistenti. Is-sħab tal-Balkani tal-Punent se jkunu mistennija jappoġġaw l-applikazzjonijiet kollha minn ġewwa r-reġjun.

2. Moviment liberu tas-servizzi u tal-ħaddiema:

- (i) Għal servizzi relatati mal-*kummerċ elettroniku* inklużi *servizzi ta' konsenja tal-pakketti*⁹, *servizzi tat-turiżmu* u attivitajiet oħrajn fejn ikun intlaħaq ftehim fis-Suq Reġjonali Komuni.
- (ii) *Rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifiki* bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent, inklużi l-kwalifiki professjonali. Bini fuq l-erba' ftehimiet tal-mobilità rivoluzzjonarji miftiehma fil-kuntest tas-Suq Reġjonali Komuni¹⁰ permezz ta' kooperazzjoni mtejba, skambju ta' informazzjoni u użu ta' għodod ta' trasparenza - bħall-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK) - biex jiġi ffaċilitat rikonoxximent aktar rapidu u aktar effettiv tal-ħiliet u tal-kwalifiki. B'mod partikolari, permezz tal-promozzjoni ta' implimentazzjoni effettiva mill-Istati Membri fir-rigward tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent tar-Rakkomandazzjoni li jmiss tal-Kummissjoni dwar ir-*rikonoxximent tal-kwalifiki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi*¹¹.

Fir-rigward ta' (i) l-użu tal-bażijiet legali eżistenti tal-FSA, ladarba jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ibbażati fuq il-mertu, inklużi l-allinjament u l-implimentazzjoni tal-*acquis* rilevanti tal-UE.

3. Aċċess għaż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (Single Euro Payments Area, SEPA):

It-tnaqqis tal-kost tal-pagamenti transfruntiera għall-benefiċċju tal-konsumaturi u tan-negozji se jaġixxi bħala spinta għall-kummerċ transfruntier. Bħala parti mill-ħidma fuq is-Suq Reġjonali Komuni, il-Balkani tal-Punent qegħdin jistabbilixxu b'mod kollettiv leġislazzjoni nazzjonali meħtieġa mill-Kunsill Ewropew tal-Pagamenti għall-parteċipazzjoni fis-SEPA. Il-Kummissjoni Ewropea se **tkompli tappoġġa lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent** biex jallinjaw mal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE, u se ttejjgħi l-applikazzjoni tagħhom biex jaċċessaw is-SEPA.

4. Faċilitazzjoni tat-Trasport bit-triq:

- (i) Appoġġ lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent biex jintegraw it-trasport bit-triq tagħhom fir-reġjun abbażi tal-adozzjoni tal-*acquis* rilevanti tal-UE.
- (ii) B'mod parallel issir ħidma biex jingħata aċċess lis-sħab tal-Balkani tal-Punent għas-sistemi ta' informazzjoni rilevanti tal-UE (IMI, ERU) u tiġi kkunsidrata l-faċilitazzjoni ulterjuri tal-operazzjonijiet bilaterali tat-trasport, permezz ta' ftehim separat li jikkomplimenta l-FSA.

⁹ Bini fuq l-inizjattiva eżistenti tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti intra-CEFTA u f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/644 dwar servizzi ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera.

¹⁰ Ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki Professjonali tat-Tobba tal-Mediċina, tat-Tobba tal-Mediċina Dentali u tal-Periti fil-kuntest tas-CEFTA; Ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki tal-Edukazzjoni Għolja; Ir-Rikonoxximent reċiproku tal-Kwalifiki Professjonali għall-Infermiera, għall-Veterinarji, għall-Ispiżjara u għall-Qwiebel; u l-Libertà tal-Moviment b'Karti tal-Identità fil-Balkani tal-Punent.

¹¹ L-adozzjoni prevista għall-15 ta' Novembru 2023

Iż-żewġ azzjonijiet għandhom jaċċelleraw l-adozzjoni tal-*acquis* tal-UE dwar it-Trasport bit-Triq, jipprovdu benefiċċji ekonomiċi sinifikanti u progressivament iwasslu għal integrazzjoni ulterjuri fil-qasam tat-trasport bit-triq.

5. Integrazzjoni u dekarbonizzazzjoni tas-swieq tal-Enerġija:

Bini fuq il-ħidma eżistenti fi ħdan il-Komunità tal-Enerġija biex tintegra s-suq tal-elettriku fir-reġjun ma' dak tal-UE u ftuħ tal-possibbiltà għall-integrazzjoni ta' swieq oħrajn tal-enerġija. Dan se jqis il-ħtieġa ta' prezz tal-karbonju ekwivalenti għall-prezz tal-karbonju tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet jew l-applikazzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri biex jippermetti l-akkoppjament kontinwu tas-suq tal-elettriku mill-2030 'il quddiem.

Dan se jsir bl-implimentazzjoni tat-trattat eżistenti dwar il-Komunità tal-Enerġija.

6. Suq Uniku Diġitali:

- (i) L-iffaċilitar tal-estensjoni tal-kopertura tal-*ftehim volontarju kurrenti dwar ir-roaming* fost l-operaturi tat-telekomunikazzjoni¹²; dan ikun pass *interim* sa (ii) hawn taħt;
- (ii) L-għoti ta' ċertezza legali għall-utenti u għall-operaturi li jesploraw soluzzjonijiet għal arranġament ta' roaming fit-tul biex il-Balkani tal-Punent jiġu inklużi fiż-żona "roaming daqslikeku f'pajjiżek" tal-UE, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ l-impenji kummerċjali internazzjonali tal-Unjoni Ewropea;
- (iii) L-estensjoni tar-regoli tal-UE dwar l-indirizzar tal-*Imblukkar ġeografiku* mhux ġustifikat u forom oħrajn ta' diskriminazzjoni – abbażi tan-nazzjonalità, tal-post ta' residenza jew tal-post ta' stabbiliment tal-klijenti – għall-Balkani tal-Punent;
- (iv) L-integrazzjoni tar-reġjun fis-*servizzi fiduċjarji tal-UE* ladarba l-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun konformi mal-identifikazzjoni elettronika, mal-awtentikazzjoni u mas-servizzi fiduċjarji (eIDAS). Pass intermedju se jkun l-iżvilupp ta' Portafoll tal-Identità Diġitali reġjonali ("Portafoll tal-Identità Diġitali tal-Balkani") li jallinja ma' dak tal-UE u li jsegwi l-istess speċifikazzjonijiet tekniċi eżatti.
- (v) It-tisħiħ tar-*rabtiet taċ-ċibersigurtà* billi tkun abilitata l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent mal-pilastru taċ-Ċibersigurtà tal-programm Ewropa Diġitali billi bħala l-ewwel pass ikun previst l-aċċess tagħhom għar-Riżerva taċ-Ċibersigurtà taħt l-Att ta' Solidarjetà Ċibernetika¹³. Il-promozzjoni ta' implimentazzjoni komprensiva tas-Sett ta' Għodod tal-UE għas-Sigurtà tal-5G mis-sħab kollha tal-Balkani tal-Punent.
- (vi) It-tisħiħ tal-*interoperabbiltà* transfruntiera permezz ta' oqfsa nazzjonali ta' interoperabbiltà li huma allinjati bis-sħiħ mal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà bħala bażi għal servizzi pubbliċi diġitali interoperabbli u ċċentratu fuq il-bniedem.

Il-punt (i) jibbaża fuq l-arranġamenti volontarji eżistenti, filwaqt li l-punti minn (ii) sa (iv) jirrikjedu soluzzjoni legali vijabbli (eż. permezz ta' emenda tal-FSA). Il-punt (v) se jirrikjedi bidla fil-*ftehim ta' assoċjazzjoni eżistenti għall-programm Ewropa Diġitali*.

7. Integrazzjoni fil-ktajjen tal-provvista industrijali:

- (i) L-iżvilupp ta' sħubijiet strateġiċi dwar ktajjen tal-valur tal-materja prima sostenibbli, wara enfasi inizjali fuq l-identifikazzjoni ta' proġetti industrijali konġunti konkreti.
- (ii) L-iżvilupp ta' sħubijiet strateġiċi għas-sigurtà tal-provvista ta' mediċini kritiċi.

¹² <https://neighbourhood-enlargement.ec.europa.eu/system/files/2022-12/eu-wb-roaming-declaration.pdf>

¹³ L-Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà huwa proposta tal-Kummissjoni li għadha ma ġietx adottata mill-koleġiżlaturi.

L-iżvilupp ta' sħubijiet strateġiċi dwar ktajjen tal-valur tal-materja prima sostenibbli se jkun ibbażat fuq: l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' proġetti konġunti dwar il-materja prima sostenibbli u l-batteriji li jkopru l-istadji kollha tal-ktajjen tal-valur rispettivi, jiġifieri l-esplorazzjoni, l-estrazzjoni, l-ipproċessar/il-manifattura u r-riċiklaġġ; u l-appoġġ lill-kumpaniji/lill-organizzazzjonijiet tal-Balkani tal-Punent biex jissieħbu fl-Alleanza tal-UE għall-Materja Prima u fl-Alleanza tal-UE tal-Batteriji¹⁴. Kooperazzjoni aktar mill-qrib dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-bini tal-kapaċitajiet pereżempju, permezz tal-iffaċilitar tal-aċċess tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent għall-Akkademja tal-ħiliet tal-Alleanza Ewropea tal-Batteriji u l-Akkademja tal-Materja Prima (iii) L-estensjoni tas-sħubijiet strateġiċi internazzjonali tal-UE għall-produzzjoni ta' mediċini kritiċi u ingredjenti farmaċewtiċi attivi.

Dawn l-oqsma prijoritarji jirriflettu konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati fir-reġjun¹⁵ u jirrappreżentaw rabta diretta mal-ħidma li għadha għaddejja għall-implimentazzjoni tas-Suq Reġjonali Komuni.

Il-Kummissjoni beħsiebha tipproponi emendi għall-FSA sabiex tintroduċi mekkaniżmu li jippermetti lill-korpi tal-FSA jestendu d-drittijiet u l-obbligi tal-*acquis* tal-UE għall-Balkani tal-Punent, ladarba jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet. Il-mekkaniżmu jippermetti lill-istituzzjonijiet tal-FSA jadottaw annessi li jkun fihom lista ta' leġislazzjoni dwar is-suq uniku ("*acquis*") f'oqsma speċifiċi li jkunu trasposti fil-leġislazzjoni domestika, u regoli dwar il-monitoraġġ. Ladarba jiġi ddeterminat mill-Kummissjoni li hemm allinjament mal-*acquis* u li r-regoli qegħdin jiġu implimentati b'mod effettiv – u wkoll li ma hemm l-ebda riskju sinifikanti għall-kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku tal-UE (eż. grad suffiċjenti ta' Antitrust, Fużjonijiet u kontroll tal-għajnuna mill-Istat, fejn xieraq) – tista' tittieħed deċiżjoni mill-istituzzjonijiet tal-FSA biex jingħata trattament reċiproku tas-suq intern fil-qasam speċifiku konċernat. Minbarra l-aċċess għas-suq uniku, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-*acquis* b'dan il-mod ikollhom ukoll impatt pożittiv fil-perkors għall-adeżjoni.

Dan l-approċċ jippermetti lill-FSA joffru estensjoni progressiva għal oqsma speċifiċi tal-*acquis*, b'mod partikolari dawk b'rabta speċifika mas-suq uniku bħall-miżuri sanitarji u fitosanitarji u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Meta wieħed iħares lejn liema setturi għandhom jiġu inkorporati, tingħata prijorità lil oqsma fejn ikunu ttieħdu azzjonijiet sostantivi fl-ambitu tas-Suq Reġjonali Komuni.

Barra minn hekk, biex tappoġġa direttament is-seba' azzjonijiet prijoritarji u b'mod aktar wiesa' biex tiżgura li jitwettaq il-potenzjal sħiħ tagħhom, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tipproponi serje ta' miżuri komplementari.

Bħala minimu, il-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ fil-programmi rilevanti tal-UE, inkluż b'mod partikolari fil-programm tas-suq uniku, fil-programmi tad-Dwana u Fiscalis, fil-programm Ewropa Diġitali u Orizzont Ewropa (inkluż l-esplorazzjoni ta' estensjonijiet għall-missjonijiet tagħha dwar "Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti" u dwar "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna"). Se tiġi mħeġġa l-akbar parteċipazzjoni possibbli fi gruppi ta' esperti mmexxija mill-Kummissjoni, skont ir-regoli tal-UE, peress li dawn huma triq importanti għall-iżvilupp ta' għarfien Prattiku dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-*acquis*. Il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent jistgħu jibbenefikaw mill-miżuri previsti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "It-tisħiħ tal-

¹⁴ Iż-żewġ Alleanzi huma kkoordinati minn żewġ Komunitajiet ta' Konozzenza u Innovazzjoni (KKI) tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT).

¹⁵ Saru konsultazzjonijiet fil-livell politiku u ta' esperti ma' firxa ta' partijiet ikkonċernati. Saru diskussjonijiet tekniċi mal-amministrazzjonijiet nazzjonali, in-negozju madwar ir-reġjun ġie kkonsultat permezz ta' djalogu mal-forum ta' investiment tal-Kamra tal-Balkani tal-Punent 6 u saru konsultazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet reġjonali, mas-CEFTA, mal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali, mal-Komunità tat-Trasport, u mal-Komunità tal-Enerġija.

Ispazju Amministrattiv Ewropew (ComPact)”, biex jgħinu fil-bini ta’ amministrazzjonijiet pubbliċi aħjar.

Il-potenzjal ta’ integrazzjoni ulterjuri tal-Balkani tal-Punent fil-partijiet rispettivi tas-suq uniku se jkun sostnut mit-tisħiħ tar-rabtiet infrastrutturali mal-UE. Il-Qafas ta’ Investiment għall-Balkani tal-Punent (Western Balkans Investment Framework, WBIF) huwa lest li jżid l-appoġġ biex tiġi stabbilita l-infrastruttura meħtieġa stabbilita fil-Pjan Ekonomiku u ta’ Investiment¹⁶, li jimplementa l-Istrateġija Global Gateway fil-Balkani tal-Punent, u marbut mill-qrib man-networks Trans-Ewropej. L-implimentazzjoni tal-Aġendi ta’ Riforma individwali (ara l-punt 3 hawn taħt) se tkun essenzjali għal dak il-għan. Se tkompli wkoll il-ħidma fuq l-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) biex tittejjeb il-konnettività bejn il-Balkani tal-Punent mal-UE, biex tiġi appoġġata l-integrazzjoni fis-suq uniku tal-UE u tiġi promossa sistema tat-trasport aktar sostenibbli.

2) **Tisħiħ tal-integrazzjoni ekonomika reġjonali permezz tas-Suq Reġjonali Komuni**

Ir-reġjun tal-Balkani tal-Punent qiegħed jiffaċċja sfida ekonomika profonda minn attraenza limitata għall-investituri, minħabba swieq frammentati żgħar u emigrazzjoni fuq skala kbira bħala konsegwenza ta’ opportunitajiet limitati. Fis-Summit tal-Proċess ta’ Berlin tal-2020, ir-reġjun iddeċieda li l-integrazzjoni fil-livell reġjonali, permezz ta’ Suq Reġjonali Komuni tkun waħda mill-approċċi ewlenin biex jiġu indirizzati tali sfidi.

Il-pjan ta’ azzjoni tas-Suq Reġjonali Komuni¹⁷ jistabbilixxi programm estensiv ta’ azzjonijiet ibbażati fuq ir-regoli u l-istandards tal-UE, biex jiġu stabbiliti l-erba’ libertajiet ta’ moviment fil-Balkani tal-Punent: tal-merkanzija, ta’ xi servizzi, tal-kapital u tal-ħaddiema. Dan huwa akkumpanjat minn Aġenda Ekoloġika u minn Aġenda Diġitali u ta’ Innovazzjoni għar-reġjun. Minkejja li beda ħafna xogħol tekniku, il-biċċa l-kbira tar-riżultati għad iridu jimmaterializzaw, parzjalment minħabba l-ostakli politiċi fit-teħid ta’ deċiżjonijiet, parzjalment minħabba l-pass tal-implimentazzjoni, li jeħtieġ li jiġi aċċellerat b’mod sostanzjali.

L-iżvilupp ta’ Suq Reġjonali Komuni huwa essenzjali għal żewġ raġunijiet. L-ewwel, minħabba li huwa kruċjali biex jiġi sfruttat il-potenzjal ekonomiku tar-reġjun, biex jinħolqu opportunitajiet kemm għadditi domestiċi kif ukoll għall-ħaddiema u biex il-Balkani tal-Punent isiru post aktar attraenti għall-investituri Ewropej. Huwa stmat li s-Suq Reġjonali Komuni jista’ jżid 10 % mal-ekonomija tal-pajjiżi fir-reġjun¹⁸. It-tieni, minħabba li s-Suq Reġjonali Komuni huwa bbażat fuq l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-istandards tal-UE.

Għalhekk, jaġixxi bħala pass ’il quddiem lejn is-suq uniku tal-UE f’bosta setturi, u bħala mekkaniżmu biex isir progress fin-negozjati tal-adeżjoni filwaqt li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi bikrija. Integrazzjoni ekonomika aktar mill-qrib mal-UE, timxi id f’id mal-bini ta’ Suq Reġjonali Komuni. Bħala parti minn dan il-pjan ta’ tkabbir, il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent huma **mistiedna jerġgħu jimpenjaw ruħhom għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta’ Azzjoni tas-Suq Reġjonali Komuni.**

L-UE se tipprovdi opportunitajiet sostanzjali għall-integrazzjoni fis-suq uniku tal-UE biss jekk ir-reġjun iwettaq integrazzjoni ekonomika reġjonali. Is-sħab li ma humiex impenjati bis-sħiħ għas-Suq Reġjonali Komuni jew li jimpedixxu l-implimentazzjoni tal-Pjan ta’ Azzjoni tas-Suq Reġjonali Komuni ma jistgħux jistennew li jibbenefikaw mill-pjan ta’ tkabbir f’termini ta’ opportunitajiet għall-integrazzjoni tas-suq uniku (il-pilastru 1).

¹⁶ Pjan Ekonomiku u ta’ Investiment https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_20_1811

¹⁷ Is-Suq Reġjonali Komuni https://neighbourhood-enlargement.ec.europa.eu/enlargement-policy/policy-highlights/common-regional-market_en#:~:text=The%20Common%20Regional%20Market%20action,1%25%20of%20the%20region's%20GDP.

¹⁸ Bħal fin-nota 4 f’qiegħ il-paġna.

Il-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali¹⁹ huwa l-mekkaniżmu ewlieni ta' governanza għall-ġestjoni tas-Suq Reġjonali Komuni. Għalhekk, il-funzjonament effettiv tiegħu huwa essenzjali. Bħala tali, il-ħidma importanti li għadha għaddejja – b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin – jeħtieġ li titħaffef:

- il-faċilitar tal-kummerċ permezz ta' rikonossiment reġjonali miżjud tal-istandards u taċ-ċertifikazzjoni (abbażi tar-regoli tal-UE);
- it-tnaqqis tal-impatt negattiv tal-miżuri mhux tariffarji;
- il-ftuħ tas-settur tas-servizzi, b'mod partikolari l-qasam il-ġdid tal-kummerċ elettroniku; u
- l-iffaċilitar tal-moviment tal-ħaddiema permezz tar-rikonossiment reċiproku tal-kwalifiki akkademiċi u professjonali.

Waħda mill-istejjer ta' suċċess tas-Suq Reġjonali Komuni kienet l-istabbiliment ta' Korsiji Ħodor fil-fruntieri fir-reġjun. Permezz tal-iskambju ta' *data* doganali qabel ma l-merkanzija tasal f'punti ta' qsim, il-ħinijiet ta' tranżitu għall-merkanzija jitnaqqsu ħafna. L-estimi jissuġġerixxu li tnaqqis ta' 3 sigħat fil-ħinijiet ta' stennija huwa l-ekwivalenti ta' tnaqqis ta' 2 % fit-tariffi²⁰. Dan is-suċċess fir-reġjun wassal għall-istabbiliment ta' Korsiji Ħodor (fruntieri fuq l-art) u ta' Korsiji Blu (fruntieri marittimi) bejn ir-reġjun u xi Stati Membri tal-UE. Dan huwa eżempju wieħed ta' kif l-approfondiment tal-kooperazzjoni doganali jista' jagħti spinta lill-attività ekonomika bejn ir-reġjun u l-UE.

Hemm bosta flussi ta' ħidma fis-Suq Reġjonali Komuni fejn il-progress jista' jwitti t-triq għal integrazzjoni aktar mill-qrib mas-suq uniku. Dawn jinkludu l-integrazzjoni tar-reġjun fis-sistemi tal-UE għall-protezzjoni tal-konsumatur u s-sorveljanza tas-suq, ir-rikonossiment reċiproku tal-kwalifiki akkademiċi u professjonali, il-parteciġazzjoni tas-sħab kollha fir-reġjun fil-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u l-Kumitat Elettrotekniku Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CENELEC). Tali integrazzjoni tirrikjedi l-iżvilupp tal-istituzzjonijiet u l-prattiki meħtieġa, bħal permezz tal-Akkademja tas-Suq Uniku biex jiġi żgurat li s-sistemi nazzjonali jallinjaw bis-sħiħ ma' dawk tal-UE.

Meta wieħed iħares lejn il-futur, **irid jiġi żviluppat suċċessur ambizzjuż għall-pjan ta' azzjoni kurrenti tas-Suq Reġjonali Komuni qabel ma jiskadi dak kurrenti fl-2024**. Il-pjan ta' azzjoni l-ġdid għandu jinkorpora l-opportunitajiet offruti fl-ambitu ta' dan il-pjan ta' tkabbir kif ukoll jirrifletti bis-sħiħ l-Aġenda Ekoloġika u l-Aġenda Diġitali u tal-Innovazzjoni għar-reġjun. Sabiex is-Suq Reġjonali Komuni jibqa' validu għall-futur u bi tnejn għall-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri, il-pjan ta' azzjoni għandu jkun fih l-elementi meħtieġa biex il-Balkani tal-Punent javvanzaw fid-dekarbonizzazzjoni.

3) Aċċellerazzjoni tar-riformi fundamentali

L-esperjenza minn sensieli suċċessivi ta' tkabbir uriet li integrazzjoni aktar mill-qrib mas-suq uniku tal-UE u appoġġ finanzjarju mmirat ma humiex biżżejjed biex tinkiseb konverġenza soċjoekonomika aċċellerata. Is-suċċess sostenibbli jirrikjedi riformi komprensivi, fosthom fir-raggruppament fundamentali. Dawn huma essenzjali għall-pajjiżi kandidati biex jimxu 'l quddiem lejn is-sħubija mal-UE, u għall-ekonomiji tagħhom biex ilaħħqu mal-pressjoni kompetittiva tas-suq uniku, u biex jibnu negozji kompetittivi u sostenibbli biex jattiraw l-investment privat. Barra minn hekk, l-aċċellerazzjoni tar-riformi fundamentali se jkollha wkoll impatt pożittiv fuq ir-ritmu li bih il-pajjiżi jimxu tul il-perkors tal-adeżjoni tagħhom mal-UE.

¹⁹ Il-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali (Central European Free Trade Agreement, CEFTA) 2006 jgħaqqad flimkien il-Balkani tal-Punent 6 u l-Moldova f'żona ta' kummerċ reġjonali bl-għan li jiġi liberalizzat il-kummerċ ta' merkanzija u servizzi fir-reġjun. Il-ħidma tas-CEFTA ġiet inkorporata fil-pjan ta' azzjoni tas-CRM fl-2020.

²⁰ Bħal fin-nota 4 f'qiegħ il-paġna.

Bħala parti minn dan il-pjan ta' tkabbir, kull sieħeb tal-Balkani tal-Punent se jiġi mistieden iħejji **Aġenda ta' Riforma** bbażata fuq rakkomandazzjonijiet eżistenti fosthom dawk mill-Pakkett annwali tat-Tkabbir u l-konklużjonijiet tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju, abbażi tal-Programmi ta' Riforma Ekonomika (PRE) tal-pajjiżi. L-Aġenda se tiġi kkonsultata, iavalutata u adottata mill-Kummissjoni.

L-Aġenda ta' Riforma se tidentifika sett limitat ta' riformi ta' prijorità, imqassma f'passi kwalitattivi u kwantitattivi li se jservu bħala **kundizzjonijiet ta' ħlas**, jiġifieri mal-kisba, se jwasslu għar-rilaxx ta' fondi fl-ambitu tal-Faċilità l-ġdida ta' Riforma u Tkabbir skont skeda ta' żmien iddeterminata minn qabel. Il-kundizzjonijiet ta' ħlas se jkunu **marbuta ma' riformi soċjoekonomiċi speċifiċi** biex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' tkabbir nazzjonali u reġjonali, u ma' **riformi speċifiċi relatati mal-prinċipji fundamentali tal-proċess tat-tkabbir**, inkluż l-istat tad-dritt, id-demokrazija, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. L-istabbiltà makrofinanzjarja, il-ġestjoni finanzjarja pubblika tajba, it-trasparenza u s-sorveljanza tal-baġit huma kundizzjonijiet ġenerali ta' ħlas li jridu jiġu ssodisfati għal kwalunkwe rilaxx ta' fondi. Prekundizzjoni oħra għandha tkun li s-Serbja u l-Kosovo jimpenjaw ruħhom b'mod kostruttiv fin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tagħhom bil-ħsieb li jimplimentaw bis-sħiħ l-obbligi rispettivi kollha tagħhom li joħorġu mill-Ftehim dwar it-Triq għan-Normalizzazzjoni u l-Anness ta' Implimentazzjoni tiegħu u l-Ftehimiet ta' Djalogu kollha tal-passat u jidħlu f'negozjati dwar il-Ftehim Komprensiv dwar in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet. Il-ħlasijiet mhux se jkunu kundizzjonali fuq il-fatt li jiġu stabbiliti l-bidliet proposti msemmija hawn fuq għall-FSA (jiġifieri biex jiġu implimentati s-seba' azzjonijiet prijoritarji).

L-Aġenda ta' Riforma se tkun xprunatur ewlieni tal-pjan ta' tkabbir: it-tweqqif tagħha se joħloq il-prekundizzjonijiet meħtieġa biex jiġu adottati u jibbenefikaw bis-sħiħ mill-opportunitajiet disponibbli tas-suq uniku, biex jiġu skattati l-iżborżi fl-ambitu tal-Faċilità l-ġdida ta' Riforma u Tkabbir u, fl-istess ħin, biex il-pajjiżi jinġiebu eqreb lejn l-issodisfar tal-kriterji għas-sħubija mal-UE.

4) L-appoġġ għall-konverġenza permezz ta' assistenza finanzjarja miżjuda: il-Faċilità l-ġdida ta' Riforma u Tkabbir għall-Balkani tal-Punent

Il-Faċilità l-ġdida ta' Riforma u Tkabbir (minn hawn 'il quddiem il-faċilità) għall-Balkani tal-Punent se tipprovdi appoġġ ewlieni għall-implimentazzjoni tal-pjan il-ġdid ta' tkabbir u l-erba' pilastrji tiegħu, permezz ta' **assistenza finanzjarja miżjuda b'mod sinifikanti**. Il-pagamenti se jkunu soġġetti għal kundizzjonijiet stretti f'termini ta' riformi ewlenin kif stabbiliti fl-ambitu tal-Aġenda ta' Riforma.

Il-faċilità proposta se tkopri l-perjodu 2024-2027. Se tipprovdi appoġġ finanzjarju fil-forma ta' **appoġġ mhux ripagabbli** (sa EUR 2 biljun) u **self** (sa EUR 4 biljun) permezz ta' ħlasijiet diretti lill-baġits nazzjonali, jew bħala finanzjament ta' investiment kapitali permezz tal-Qafas ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent (WBIF).

Din se sservi bħala ċ-ċentru tal-pjan ta' tkabbir, billi żżid b'mod sinifikanti l-assistenza finanzjarja bbażata fuq aġenda ta' riforma ambizzjuża li tiffoka fuq ir-riformi soċjoekonomiċi meħtieġa flimkien mar-riformi fundamentali, inkluż fuq l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. Din se tintroduċi kondizzjonalità qawwija billi tistabbilixxi mekkaniżmu ta' pagament ibbażat fuq il-kisbiet ta' riformi ewlenin filwaqt li tqis ir-rakkomandazzjonijiet mill-aħħar Pakkett tat-Tkabbir tal-Kummissjoni²¹. Tali approċċ jirrikjedi disinn kompletament ġdid, differenti mill-istrumenti ta' assistenza esterna disponibbli bħalissa. Dan it-tip ta' kondizzjonalità *ex ante* estensiva u kostruzzjoni proposta ma humiex possibbli fl-ambitu tal-Istrument eżistenti għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III). Il-kundizzjonijiet ta' ħlas se jkunu wkoll komplementari għal forom oħrajn ta' appoġġ bilaterali għall-Balkani tal-Punent ipprovduti permezz ta' strumenti oħrajn tal-UE u jsaħħuhom.

²¹ Il-Pakkett tat-Tkabbir jinkludi Komunikazzjoni dwar il-politika tat-tkabbir tal-UE u r-rapporti tal-pajjiżi li jakkumpanjawha.

L-impatt finanzjarju tal-faċilità, flimkien mal-fondi li għadhom disponibbli fl-ambitu tal-IPA III għall-bqija tal-QFP 2021-2027, se jipprovdi lill-Balkani tal-Punent b'bejn wieħed u ieħor l-istess intensità ta' għajjnuna għal kull abitant kif tagħmel il-politika ta' koeżjoni bħala medja fl-UE. Tali tisħiħ baġitarju mingħajr preċedent iwieġeb għas-sejħiet dejjem akbar mir-reġjun għal konverġenza soċjoekonomika aktar b'saħħitha; dan isaħħaħ ukoll il-messaġġ lir-reġjun li l-benefiċċji ta' integrazzjoni aktar mill-qrib mal-UE jistgħu jinħassu qabel l-adeżjoni. L-objettiv fit-tul huwa li r-reġjun jiġi meġġun jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu f'termini ta' kapaċità ta' żvilupp ekonomiku u soċjali meta mqabbel mal-Istati Membri tal-UE sal-2030.

L-istrument huwa mfassal biex ikun flessibbli, adattat għall-objettiv li jaċċellera r-riformi soċjoekonomiċi fundamentali u li jqarreb ir-reġjun lejn l-UE, filwaqt li jiżgura l-prevedibbiltà, it-trasparenza, il-viżibbiltà u r-responsabbiltà tal-fondi.

L-istrument il-ġdid se jkun **komplementari** għal l-assistenza finanzjarja kurrenti fl-ambitu tal-IPA III u se jsaħħaħha b'mod reċiproku kif ukoll – b'mod partikolari biex jindirizza l-ostakli legali u amministrattivi għall-kooperazzjoni transfruntiera – mal-programmi ta' kooperazzjoni tal-Interreg fl-ambitu tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE li tinvolvi l-Balkani tal-Punent. Ir-riformi speċifiċi fl-ambitu tal-Aġenda ta' Riforma se jippermettu li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiġi ingranat bis-sħiħ l-impatt tal-assistenza finanzjarja sinifikanti kemm fl-ambitu tal-faċilità l-ġdida kif ukoll f'dak tal-IPA III.

KONKLUŻJONI

Bi tweġiba għall-isfidi bla preċedent li qegħdin jiffaċċjaw il-Balkani tal-Punent li jirriżultaw mill-ħtieġa li jissaħħu mill-ġdid l-ekonomiji wara l-pandemija tal-COVID19 u l-impatt kurrenti tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fuq l-Ukrajna, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li l-UE tagħmel **offerta b'saħħitha lir-reġjun**. Offerta li tipprovdi opportunitajiet **biex tingħata spinta lill-konverġenza soċjoekonomika u biex is-sħab tagħna jinġiebu eqreb lejn is-suq uniku tal-UE f'bosta oqsma**, flimkien ma' **appoġġ finanzjarju addizzjonali sinifikanti**. Din l-offerta tfittex li tressaq xi wħud mill-benefiċċji ekonomiċi għall-perjodu ta' qabel l-adeżjoni biex jinbnew ekonomiji aktar b'saħħithom u aktar reżiljenti u tipprovdi benefiċċji ekonomiċi ta' kuljum għan-negozji, għall-ħaddiema u għall-konsumaturi bl-istess mod. Dan min-naħa tiegħu se jkollu benefiċċji għall-UE kollha – l-integrazzjoni ta' pajjiżi mħejjija sew u ekonomikament aktar b'saħħithom li japplikaw regoli u standards tal-UE diġà qabel l-adeżjoni tagħhom.

Sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' dan il-pjan ta' tkabbir, **is-sħab tal-Balkani tal-Punent se jkollhom bżonn jissodisfaw din l-offerta bi sforzi determinati biex javvanzaw kemm fuq l-aġenda ta' riforma domestika kif ukoll fuq it-tisħiħ tal-integrazzjoni ekonomika** fir-reġjun. L-awtoritajiet tagħhom għandhom ir-responsabbiltà li jikkomunikaw b'mod effettiv dwar il-pjan ta' tkabbir u l-implimentazzjoni tiegħu. Flimkien, il-Balkani tal-Punent u l-UE għandhom jaħtfu din l-opportunità biex jaċċelleraw il-progress fil-perkors tal-adeżjoni.

Miżuri li jappoġġaw l-integrazzjoni fis-suq uniku tal-UE

Intraprenditorija: Opportunitajiet għan-negozju

- Tingħata spinta lill-innovazzjoni, tiżdied il-valorizzazzjoni tal-għarfien, u jiġu protetti l-investimenti fi prodotti ġodda billi jiġi stabbilit network ta' kooperazzjoni strutturat fost is-sħab tal-Balkani tal-Punent għal applikazzjoni armonizzata tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.
- Tingħata spinta lill-iżvilupp tal-industrija agroalimentari, inkluż is-sajd u l-akkwakultura, f'konformità mal-istandards tal-UE. Tingħata spinta lill-kummerċ agrikolu billi jiġu rikonoxxuti l-pjanijiet ta' kontinġenza tal-Balkani tal-Punent għall-frott u l-ħxejjex u l-pjanijiet ta' stħarriġ ibbażati fuq l-għelejjel, diġà approvati mill-partijiet tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Fieles tal-Ewropa Ċentrali (CEFTA).
- Tingħata spinta lill-innovazzjoni permezz ta' (i) l-iżvilupp ta' **preaċċeleratur tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) dedikat** għall-Balkani tal-Punent, tingħata għajnuna lill-kumpaniji tal-innovazzjoni ta' teknoloġija avvanzata biex jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom b'ideat u bi pjanijiet ta' investiment konkreti u (ii) l-appoġġ u t-titjib tal-ħiliet tal-innovaturi permezz tal-attivitajiet tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) u l-Komunitajiet ta' Konnoxxenza u Innovazzjoni tiegħu.
- Jitħaffef it-trasferiment u t-titjib tas-soluzzjonijiet ta' innovazzjoni teknoloġika u soċjali għall-kisba ta' bliet newtrali għall-klima u intelliġenti.

Eqreb lejn l-UE: Opportunitajiet għat-tħejjija għas-suq uniku

- L-istabbiliment ta' **Akkademja tas-Suq Uniku** - programm ta' bini tal-kapaċitajiet, imfassal biex jibni l-infrastruttura ta' kwalità tal-Balkani tal-Punent sal-livelli ta' operazzjoni tal-UE, sabiex jitħaffef il-proċess tal-kisba tal-moviment liberu tal-merkanzija. L-ewwel oqsma li għandhom jiġu mmirati se jkunu l-istandards, iċ-ċertifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-konformità.
- Il-promozzjoni ta' **sħubija u parteċipazzjoni sħiħa tas-CEN u tas-CENELEC mas-sħab tal-Balkani tal-Punent**, meta jkun possibbli.

Konnessjoni u modernizzazzjoni: Opportunitajiet għall-qasam diġitali

- **Ir-reġjun tal-Balkani tal-Punent isir aktar reżiljenti għaċ-ċibersigurtà u niġġieldu ċ-ċiberkriminalità flimkien**, anki billi tiżdied il-parteeċipazzjoni f'taħriġ u avvenimenti organizzati mill-Aġenzija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà (ENISA).
- L-għoti ta' aċċess sħiħ lill-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (HPC).
- Is-sħubija mal-**Akkademja Ewropa Interoperabbli**, biex tingħata spinta lill-ħiliet diġitali avvanzati tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-qasam tal-interoperabbiltà.
- L-appoġġ għall-użu ta' **konnettività internazzjonali sigura** u ta' **infrastruttura tan-network tal-5G** permezz ta' proġetti ta' investiment fid-WBIF, f'konformità mas-Sett ta' għodod tal-UE għas-sigurtà tal-5G. In-networks 5G se jappoġġaw it-trasformazzjoni diġitali fir-reġjun.
- L-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni diġitali tal-SMEs u n-negozji ġodda permezz tal-parteeċipazzjoni fil-Programm Ewropa Diġitali, u permezz tal-parteeċipazzjoni fin-network ta' Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali (European Digital Innovation Hubs, EDIHs) li jappoġġaw lill-kumpaniji u lis-settur pubbliku fit-tranżizzjonijiet doppji (ekoloġiċi u diġitali).
- L-iżvilupp ta' djalogu dwar l-Intelliġenza artifiċjali (IA), inklużi inizjattivi ewlenin bħall-mudelli tal-IA. L-enfasi se tkun fuq l-IA Ġenerattiva u b' mod speċifiku fuq Mudelli Lingwistiċi Kbar.

Tiġdid u titjib tal-ħiliet: Opportunitajiet għall-impjeg u għat-taħriġ

- **L-estensjoni tas-sħubija tal-Europass** għall-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent: għajna lill-persuni li qed ifittxu impjeg biex jieħdu l-pass li jmiss fil-karriera tagħhom u jifftu opportunitajiet ġodda u **jappoġġaw ulterjorment il-parteċipazzjoni tagħhom fil-Grupp Konsultattiv dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki**: l-iffaċilitar tat-trasparenza tal-ħiliet u tal-kwalifiki.
- L-esplorazzjoni tal-parteċipazzjoni f'xi attivitajiet tan-**Network Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjegi (Network tal-PES)** u l-kooperazzjoni man-**Network**²² billi tissaħħaħ il-kapaċità tas-servizzi pubbliċi tal-impjegi fil-Balkani tal-Punent.
- Il-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol aktar sikuri permezz tal-bini tal-kapaċitajiet fl-Ispettorati tax-Xogħol tal-Balkani tal-Punent.
- It-tiħiħ tal-**involvement attiv fis-Sena Ewropea tal-Ħiliet u l-Patt għall-Ħiliet** biex tiġi promossa mentalità ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, permezz tal-grupp ta' Koordinaturi Nazzjonali bħala pjattaforma ta' skambju dwar il-politiki dwar il-ħiliet.
- It-trawwim tal-kooperazzjoni dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, b'mod partikolari dwar l-apprendistati u l-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol fil-qafas tal-**Alleanza Ewropea għall-Apprendistati**.
- Titkompla titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent fil-qasam tal-Impjegi u l-Innovazzjoni Soċjali (**EaSI**) tal-**Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)**.

Żmien għaż-Żgħażaġħ: Opportunitajiet għaż-Żgħażaġħ

- **Isir aktar faċli għaż-żgħażaġh biex jistudjaw barra minn pajjiżhom** billi jiġi ffaċilitat ir-rikonossiment tal-kwalifiki akkademiċi u tal-perjodi ta' mobbiltà.
- It-titjib tal-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità u t-tneħħija tal-ostakli għat-tagħlim, il-ħidma lejn il-**parteċipazzjoni sħiħa** tas-sħab tal-Balkani tal-Punent fiż-**Żona Ewropea tal-Edukazzjoni** u l-appoġġ lejn il-kooperazzjoni tranżnazzjonali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja.

Orizzonti Usa': Opportunitajiet għal turiżmu, vjaġġar, trasport u attivitajiet kulturali aktar faċli

- Is-sħubija fl-isforzi biex l-Ewropa tiġi promossa bħala destinazzjoni turistika f'pajjiżi terzi **permezz ta' sħubija sħiħa** mas-sħab kollha tal-Balkani tal-Punent **fil-Kummissjoni Ewropea għat-Turiżmu**.
- Osservaturi fl-**Ispazju tad-Data għat-Turiżmu**: l-għoti tal-informazzjoni meħtieġa biex jittejjeb l-ippjanar tat-turiżmu.
- L-iżvilupp ta' **sħubijiet tat-talent turistiku dwar il-ħiliet** bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent biex iżid u jtejjeb l-offerta tat-turiżmu tagħhom. Iż-żieda ulterjuri fil-parteċipazzjoni tas-sħab kollha tal-Balkani tal-Punent f'Ewropa Kreattiva sabiex jiġi appoġġat ir-rwol tas-setturi kulturali u kreattivi fl-ekonomija.

Serħan il-Moħħ: Protezzjoni għall-konsumaturi

²² F'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 573/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kooperazzjoni mtejbja bejn is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjegi (PES) u b'mod partikolari għall-pajjiżi li ngħaqdu fil-qasam tal-Impjegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) u l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+).

- L-għoti ta' aċċess għall-**għodda Webcrawler tas-Sorveljanza Elettronika**, li tidentifika prodotti li ġew innotifikati bħala perikolużi fis-Safety Gate, lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fil-Balkani tal-Punent.
- L-għoti ta' **aċċess għal xi informazzjoni pubblika** tas-Safety Gate, u aktar tard l-iskambju ta' informazzjoni mhux pubblika magħżula dwar is-sikurezza tal-prodotti u l-miżuri meħuda.
- L-għoti ta' aċċess²³ għal elementi magħżula tal-akkademja tal-Infurzar Elettroniku.

²³ Sa fejn jeżistu salvagwardji li jippermettu t-ttrattament ta' informazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni.